**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret it-tliet mija u sebgħa u tletin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar l-Erbgħa 2 ta' April 2014 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. **Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Vici Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta *Misnt SMM(UK), MCIM (UK), MBA (Maastricht),* ***Chartered Marketer*** | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Valentina Troisi | Ambaxxatriċi |

Mistieden għal din il-laqgħa kien hemm is-Sur Antonello Cuschieri

## 2. **Talba**

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. **Co-Option ta' Kunsillier**

Il-Kunsillier Cedric Valletta ressaq għall-approvazzjoni Mozzjoni 01/2014 dwar il-co-option tas-Sur Antonello Cuschieri bhala kunsillier;

*"Billi l-Kummissjoni Elettorali ma rċeviet l-ebda nomina, biex jimtela' l-post battal mis-Sur Gaetano Cuschieri;*

*Billi skond ir-regolamenti 92(1) tat-tielet skeda, il-post battal jiġi mimli bil-għażla ta' Kunsillier skond is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 8 ta' l-istess Att;*

*Nipproponi li l-Kunsill jaqbel li jagħżel lis-Sur Antonello Cuschieri biex ikun Kunsillier ta' dan il-Kunsill Lokali'*

Il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Judith Bugeja.

Ittieħed vot fuq il-Mozzjoni. Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni nru. 01/2014 (VI) dwar il-*co-option* tas-Sur Antonello Cuschieri.

Is-Sindku stieden lis-Sur Antonello Cuschieri jingħaqad mal-membri fuq il-mejda.

**4. Attivitajiet relatati ma' Jum il-Ħamrun 2014**

Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni dwar Jum il-Ħamrun 2014, fejn spjega li fl-aħħar laqgħa li nżammet tal-Kumitat 'Ħamrun Ahjar' bdew jinġabru proposti għall-attivitajiet li jistgħu jiġu organizzati f'Jum il-Ħamrun.

Is-Sindku spjega wkoll li madwar 40 sena ilu kienet dehret lirika ta' Innu lil Ħamrun f'xi ġurnal tal-Ħamrun. Dan l-innu kien miktub minn Dun Frans Camilleri u huwa nfurmat li qabel kien jindaqq ukoll. Iżda minħabba diffikultajiet mal-familjari tal-istess Dun Frans Camilleri, dan l-innu kien twaqqaf.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li tkellem *offhand* mal-Presidenti tal-baned ewlenin dwar partituri li jistgħu jeżistu relatati ma' dan l-innu. Fil-fatt huma għandhom jivverifikaw fl-arkivji tas-soċjetajiet tagħhom.

Il-Vici Sindku Christian Sammut daħal għal-laqgħa fil-5.50p.m.

Il-Vici Sindku qal li l-Kunsill għandu joqgħod attent għaliex x'aktarx hemm marċ relatat mal-lirika li qed jissemmew fid-diskussjoni. Is-Sindku għandu jkun ċert li m'hemmx prerogattiva fuq dan l-innu minn xi Soċjeta' partikolari.

Is-Sindku semma li waqt il-laqgħa tal-Kumitat 'Ħamrun Ahjar' issemmew attivitajiet bħal, Purċissjoni tal-Mużew, Tournament tal-American Pool, Tournament tal-Football u Wirja tal-Klieb fost oħrajn.

Is-Sindku qal li tkellem mal-Onor .Luciano Busuttil dwar il-possiblita' li l-Kunsill Malti għall-Isport jagħti xi tip ta' għajnuna fl-organizzar tal-attivitajiet sportivi, kif ukoll tkellem mal-Kumpanija Benna forsi toffri sponsor waqt l-attivitajiet sportivi.

Is-Sindku semma' li bħal kull sena nhar is-27 ta' Mejju 2014, se tinżamm il-Quddiesa, Ġieħ il-Ħamrun u l-Bibita. Din is-sena l-Quddiesa jmissha tinżamm fil-Knisja Parrokkjali San Gejtanu, fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lil Kunsill li l-Konkors 'Qalb Dun Gorg Preca' se jinżamm l-Erbgħa 28 ta' Mejju 2014.

Il-Viċi Sindku saħaq li l-attivitajiet għandhom jiġu mifruxa fuq medda ta'żmien matul is-sena u mhux jintrabtu kollha madwar Jum il-Ħamrun.

Is-Sindku fisser li tkun ħaġa tajba jekk dawn l-attivitajiet jitqassmu fuq medda ta' ġimgħa.

Il-Viċi Sindku semma li l-Kunsill taż-Żgħażagħ qed jipprepara attivita' għat-tfal. Huwa stieden lill-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ tipparteċipa fid-diskussjoniu tinfurma lill-Kunsill bl-attivita' li qed tiġi ppjanata għal ġimgħat li ġejjin.

Is-Sinjorina Valentina Troisi spjegat li l-Kunsill taż-Żgħażagħ qed jippjanaw attivita' għat-tfal, li se titqassam skont l-eta' tat-tfal preżenti. Waqt din l-attivita' se jkun hemm bosta logħob, fosthom logħob tradizzjonali u se jiġiebu xi karattri ta' Disney sabiex janimaw din l-attivita'.

Il-Viċi Sindku Christian Sammut qal li tkun idea tajba jekk tiġi organizzata Kompetizzjoni tal-Fotografija, fejn ikunu esebiti postijiet prominenti tal-lokalita' kif ukoll kompetizzjoni tat-tpinġija għat-tfal Ħamruniżi.

Il-Viċi Sindku Christian Sammut semma' l-attivita' kulturali 'Il-Ħamrun fi Żmien il-Franċiżi'. Is-Sur Sammut spjega li issa ż-żmien daħal sewwa u l-Kunsill irid jibda' jiġbor l-istimi għall-ispejjeż involuti sabiex tinżamm din l-attivita'.

Il-Viċi Sindku fisser lit kun ħaġa sabiħa kieku jintuża x-shelter għal din l-attivita'.

Is-Sindku spjega li għandha ssir laqgħa mal-Perit dwar xogħlijiet li għandhom isiru fosthom ix-shelter u l-korrispondenza mal-Perit Samuel Formosa dwar il-ħsarat li għandna fil-binja tal-Kunsill fejn fl-aħħar email kien iebes u ingħata ultimatum.

Il-Kunsillier Cedric Valletta semma' li dawn il-punti ilhom jitqajmu fuq il-mejda iżda qatt ma ttieħdet azzjoni bis-serjeta' kontra min hu responsabbli.

Il-Kunsillier Mario Caruana saħaq li l-Perit huwa responsabbli għal 10 snin mill-bini.

Il-Viċi Sindku reġa' semma' l-attivita' tal-31 ta' Mejju u nfurma lill-Kunsill li hemm il-ħsieb li mal-era franċiża tiddaħħal l-era Inġliża wkoll. Il-Kunsillier Cedric Valletta semma li hu ma jaqbilx mal-era Inġliża għaliex hekk se jkunu qed nitilfu mis-sens tal-attivita'.

Il-Kunsillier Cedric Valletta staqsa jekk din is-sena hux se jerġa' ssir l-In Guardia u r-re-enactment.

Il-Kunsillier Mario Caruana fisser li s-sena li għaddiet ir-*re-enactment* intilef minħabba l-fatt li n-nies daret mal-atturi u ma setgħux jaħdmu.

Il-Kunsillier Judith Bugeja saħqet li jekk ir-*reanactment* isir quddiem il-Kunsill se jintilef u min ikun fil-parti t'isfel ma jkunx jista' jara sewwa. Dan ukoll iseħħ jekk isir f'Atocia għaliex dejjaq wisq.

Il-Viċi Sindku semma li tkun idea tajba jekk isir live-show fix-xelter.

Il-kunsillier Cedric Valletta saħaq fuq il-punt li l-Kunsill għandu jieħu l-prekawzzjonijiet kollha meħtieġa qabel jiddaħħlu n-nies fix-shelter.

Is-Sindku semma li għandu persuna li tista' tiċċertifika dan ix-xogħol.

Il-Kunsillier Judith Bugeja semmiet lit kun ħaġa sabiħa jekk il-Kunsill jorganizza attivita' sportive, bħal logħba boċċi bejn l-anzjani u t-tfal.

Is-Sindku fisser li din l-attivita' tista' tiġi organizzata mal-Liberty Club li għandu l-pitch tal-boċċi.

Is-Sindku stieden lis-Sur Antonello Cuschieri jagħmel l-intervent tiegħu dwar dan is-suġġett. Is-Sur Cuschieri fisser lit kun ħaġa sabiħa jekk il-Kunsill jinvolvi t-tfal tal-istituti, għall-attivitajiet tat-tfal. Is-Sur Cuschieri jaqbel mal-proposta tal-logħba tal-boċċi bejn l-anzjani u t-tfal kif ukoll isir logħob ieħor antik, li maż-żmien qed jintilef.

Il-Kunsillier Cedric Valletta fisser li huwa xettiku ħafna dwar l-attivitajiet tat-tfal u sports għaliex ġeneralment ma jiġix milħuq kulħadd. Barra minhekk il-Kunsill għandu jara meta dawn l-attivitajiet se jsiru, jekk hux fost il-ġimgħa jew f'weekend.

Il-Kunsillier Cedric Valletta fisser li f'dawn l-attivitajiet kollha li ssemmew hemm element nieqes, li verament jista' jiġbed l-attenzjoni tar-residenti.

Is-Sur Valletta ppropona li l-attivita' tal-31 ta' Mejju għandha tkun il-qofol u tagħlaq l-attivitajiet relatati ma Jum il-Ħamrun.

Il-Kunsillier Cedric Valletta talab li jkun skużat mil-laqgħat, fis-6.40p.m.

Il-Kunsillier Mario Caruana ppropona li ssir visit lill-anzjani ta' San Vincenz De Paule jew lill-anzjani ta' Little Sisters of the Poor. Tkun ħaġa sabiħa jekk nanimaw lir-residenti.

Tkun ħaġa sabiħa jekk jiġu nvoluti l-iscouts jew xi bandisti li jaminaw din l-attivita'.

Il-Kunsillier Carmen Borg qalet li tkun ħaġa sabieħa jekk għal Jum il-Ħamrun isir marċ mit-tlett baned u parata mill-iscouts ukoll.

Is-Sindku talab lill-membri sabiex jaħsbu fi proposti sabiex jitfassal program ta' ġimgħa attivitajiet u jiġu diskussi fil-laqgħa li ġejja.

## 5. Ħwejjeġ oħra ta' Natura Urġenti

- Il-Viċi Sindku Christian Sammut, ġibed l-attenzjoni tal-membri fuq l-inċident li seħħ matul il-ġurnata bejn waħda mill-impjegati u ħaddiem li għandna assenjat mill-ETC. Is-Sur Sammut iddeplora bil-qawwa kollha l-atteġġjament abbużiv tal-ħaddiem Jesmond Camilleri li beda jgħajjat u jagħmel idejh ma wiċċ waħda mill-impjegati, waqt il-ħin tax-xogħol. Il-Kunsillier Mario Caruana saħaq li għandha tinħareġ nota lill-ħaddiem in kwistjoni u għandha tinħareġ memo sabiex tinqata' l-kunfidenza żejda ta' ċertu nies, li jiġu u jidħlu fl-uffiċini, qishom deħlin ġo xi każin. Għaldaqstant is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tifformola Ċirkulari u titwaħħal fil-Customer Care area sabiex jaraha kulħadd.

- Il-Viċi Sindku Christian Sammut ġibed l-attenzjoni tal-membri dwar il-fatt li mhux qed ikun hemm attendant mal-letrini pubbliċi. Dan qed joħloq aktar aċċess għall-vandaliżmu.

- Il-Kunsillier Mario Caruana fisser li matul il-laqgħa tas-Saħħa, li nżammet is-Sibt 30 ta' Marzu, nnota li l-ħġieġ tas-Sala kien maħmuġ ħafna. Dan juri li t-tindif mhux isir b'mod professjonali.

Il-laqgħa ntemmet fis7.20p.m.

Il-laqgħa ġiet aġġornata.

| | |
|---|---|
| __________________ | __________________ |
| Vincent Bonello | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Kunsill Lokali Ħamrun | Kunsill Lokali Ħamrun |

_____________________

DATA